



# Aħbar Tajba

Qoħ 1, 2; 2, 21-23
Salm 89 (90), 3-4.5-6. 12-13. 14 u 17
Kol 3, 1-5. 9-11
Lq 12, 13-21

**“Iftħu għajnejkom u ħarsu rwieħkom minn kull regħba,**
għax imqar jekk wieħed ikollu bir-radam, ħajtu ma tiddependix mill-ġid li jkollu.”

L-ewwel darba li smajt dan l-Evanġelju deherli li Ġesù kien daqsxejn iebes mhux ħażin. Qisu Ġesù qed jgħid li xejn tajjeb ma joħroġ mill-ġid u l-flus. Imma jekk nieqfu ftit biex naħsbu fuq dak li qed jgħid nindunaw li l-messaġġ tiegħu hu ferm akbar minn hekk.

Ġesù ma jridx jgħid li l-ġid hu ħażin. Li qed jgħidilna hu li rridu noqogħdu attenti mill-effetti li l-ġid jista' jħalli fina. Għax kultant naħsbu li l-ġid se jġibilna l-ferħ u allura, moħħna jagħmel kalkolu malajr u jgħidilna li aktar ma jkollna ġid aktar se nkunu ferħana. Hekk nidħlu f'ċirku vizzjuż li dejjem irridu iktar mingħajr ma nindunaw li dan kollu qed jaqtagħna mis-sabiħ li nistgħu niltaqgħu miegħu f'ħajjitna. Il-ħafna affarijiet li jkollna jispiċċaw jeħdulna l-ħin tagħna kollu u ninqatgħu għalina.

Għalhekk Ġesù qed jgħidilna biex noqogħdu attenti għax nispiċċaw ninġarru minn dan il-kurrent aħna wkoll. Għax m'hemmx għalfejn ikollok ħafna ġid biex tinġarr. Dan il-kliem jgħodd kemm għal dak li għandu *business* kbir u li jrid ikompli jikber, imma anke għal dak it-tifel li jrid li jkollu dejjem l-aħħar logħob tal-kompjuter jew it-tifla li trid tixtri l-aħħar *mobile* li jkun ħareġ.

Allura, kif nistgħu noqogħdu attenti? Kif nistgħu l-ġid nużawh tajjeb? Kif nistgħu ma ninġarrux minn dan il-kurrent? L-Evanġelju mimli pariri x'nistgħu nagħmlu. Ma jgħidilniex li l-ġid irridu naħarbuh u jekk ikollna l-flus narmuhom ħalli ma jtelfuniex, għax fl-aħħar mill-aħħar il-ġid huwa rigal li rċevejna mingħand Alla. L-Evanġelju jħeġġiġna biex il-ġid ma nżommuhx għalina, maqful f'xi post kbir fejn moħħna jkun mistrieħ, imma nużawh! Attenti imma, mhux nonfquh imma nużawh. Dawn differenti! Mhux li nkomplu nixtru ħafna affarijiet għalina, imma dak li nixtru nużawh ukoll ma' dawk li niltaqgħu magħhom.

Għalkemm din tinstema stramba, il-messaġġ tal-Evanġelju hu li l-affarijiet li għandna mhumiex qegħdin għalina biss imma għal dawk kollha li niltaqgħu magħhom. Tibżax li jekk tagħti minn tiegħek se tispiċċa b'xejn. Kull meta naqsmu minn dak li hu tagħna, aħna nkunu qed nibnu għalina teżor kbir fis-Sema, fejn l-ebda ħalliel ma jista' jisraq. Hekk il-ġid mhux talli ma jaqtgħekx minn dawk ta' madwarek, anzi jkompli jsaħħaħ il-ħbiberija tiegħek magħhom.

## Sib il-Kelma

Fost l-ittri t'hawn taħt għandek issib dawn il-kelmiet moħbija marbuta mas-silta li għadna kif qrajna. Aqbad lapes u dur dawn l-ittri biex issib il-kliem mistur.
PARABBOLA, SINJUR, ĠESÙ, LEZZJONI, ĦADDIEMA, STORJA, ĠENNA, WIRT, ĠID, IMĦALLEF

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Ċ | P | I | M | Ħ | A | L | L | E | F |
| L | A | Ħ | A | S | F | Ġ | E | S | Ù |
| E | R | A | P | V | B | E | U | M | Ħ |
| Z | A | L | Q | B | D | N | S | N | A |
| Z | B | E | U | P | S | N | T | W | D |
| J | B | F | W | Z | E | A | O | R | D |
| O | O | S | I | N | J | U | R | B | IE |
| N | L | V | R | Ġ | I | D | J | T | M |
| I | A | S | T | M | I | N | A | S | A |
| Ż | GĦ | L | T | K | Ċ | O | N | A | X |





**"Iftħu għajnejkom u ħarsu rwieħkom minn kull regħba,**
għax imqar jekk wieħed ikollu bir-radam,
ħajtu ma tiddependix mill-ġid li jkollu."



## Itlob u qatt taqta' qalbek

San Ġwann M. Vianney hu meqjus wieħed mill-ikbar qassisin ta' żmienu. Imma mhux dejjem kien hekk. Fi ċkunitu l-pajjiż kien għaddej minn żmien ta' taqlib kbir u ma kellux l-opportunità li jitgħallem. Meta kollox ikkalma u pajjiżu reġa' beda jorganizza l-edukazzjoni, Ġwanni xtaq jistudja imma malajr induna li kien kiber u moħħu ma kienx għadu li kien. Tgħidx kemm bata f'dawn is-snin. Imma Ġwanni kellu xewqa kbira li jsir saċerdot u ħadem ħafna sakemm beda jistudja biex isir saċerdot. Is-snin għaddew imma l-marki tiegħu ma tantx mxew 'il quddiem. Qatt ma qata' qalbu u fuq kollox qatt ma waqaf jitlob lil Alla biex jgħinu. L-eżamijiet tal-aħħar bdew resqin u Ġwanni tgħidx kemm stinka imma meta ħarġu r-riżultati qajla kienu aħjar. Imma dan ma kienx ifisser li Alla ma kienx sema' talbu tafux! Providenzjalment il-kumplament tal-klassi kienu marru tajjeb ħafna u meta ġew għal Ġwanni ma felħux ma jgħadduhx. Iddeċidew li jgħadduh u jressquh biex jordna saċerdot bil-ħsieb li mbagħad jibagħtuh f'parroċċa bi ftit nies ħalli ma jagħmilx wisq ħsara. Meta Ġwanni mar fil-parroċċa tiegħu ma sab 'il ħadd. Għal darb'oħra ma qatax qalbu u f'qasir żmien il-knisja mtliet u mhux talli hekk, saħansitra nies minn bliet oħra kienu jmorru biex jisimgħuh jipprietka. Fi ftit żmien sar wieħed mill-iktar saċerdoti mfittxin għall-predikazzjoni u għall-qrar.




**Promozzjoni**

## Issa tista' tirreklama fuq dan il-fuljett

Dan il-fuljett joħroġ kull ġimgħa u jitqassam fil-parroċċi kollha ta' Malta u Għawdex.

Ċemplilna fuq 2569 9100

**AGĦŻEL PRODOTTI LI JIBDLU ĦAJJET IN-NIES GĦALL-AĦJAR!**

**AGĦŻEL IL-KUMMERĊ ĠUST**




**SAY IT!**
**ĦANUT TAL-KUMMERĊ ĠUST**
www.sayitmalta.com - info@sayitmalta.com
32 Tarxien Road Paola

mediacentre

design • video production • animation • publishing • web

Aħbar **Tajba** hija inizjattiva tal-Media Centre flimkien mal-Fondazzjoni YOUTHEME u tiddependi mill-ħidma ta' diversi voluntiera u benefatturi. Għandna bżonn ukoll ta' ħafna talb biex din il-ħidma tħalli l-frott mixtieq. Min jixtieq jgħin, finanzjarjament, bit-talb jew b'xi ħidma oħra jista' jibagħtilna fuq

**info@sayitmalta.com**

Grazzi.




**AĦBAR TAJBA** hija pubblikazzjoni tal-Media Centre flimkien ma' SayIt Publications u YouTheme Foundation. Min jixtieq jagħti kontribuzzjoni finanzjarja jew jordna aktar kopji ta' dan il-fuljett jista' jibagħtilna *email* fuq *info@sayitmalta.com* jew iċempel fuq 2569 9100. Għal aktar informazzjoni żur **www.mediacentre.com.mt**

mediacentre
YOUTHEME FOUNDATION